MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-12 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 811/2003

**F & D Guaci Limited**

**Vs**

**RHF Industries Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-attrici, fejn wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm5,128.89c) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' transport u servizzi ancillari rezi lilha fuq inkarigu taghha stess;

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata kemm-il darba sabiex tersaq ghall-hlas, anke permezz ta' ittra bonarja, hija baqghet inadempjenti;

Illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ghall-hlas.

Talbet illi din il-Qorti:

In vista tal-premessi u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' David Gauci, debitament awtorizzat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta' attrici, u dispensat is-smigh tal-kawza a termini ta' l-Artikolu 167 et. seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef, mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm5,128.89c) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi ta' transport u servizzi ancillari rezi lilha fuq inkarigu taghha stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment, u bl-imghax legali mis-7 ta' April, tas-sena 2003, li hija l-ahhar darba li gie rez servizz lis-socjeta' konvenuta, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attrici;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------